MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 605/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**Vs**

**Rachieru Mihail-Cristian**
**ID. 71934A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Awwissu, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi 'l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' attrici 's-somma ta' elf tlett mija wiehed u hamsin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1,351.85) in konnessjoni mas-servizzi ta' telefonija cellular 99608834 (AC40252534).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 798/14 u bl-imghax mit-2 ta' Mejju, 2014 data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Simone Wrightman ghas-socjeta' attrici li fil-25 ta' Marzu, 2015 ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta' elf tlett mija wiehed u hamsin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1,351.85) ghadu dovut.

It-Tribunal ra 'lli ma giet ipprezentata ebda risposta.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elf tlett mija wiehed u hamsin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1,351.85) liema ammont jithallas b'rati mensili ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar. L-ewwel pagament ikun fit-30 ta' April, 2015.

Bl-imghax legali mit-2 ta' Mejju, 2014 data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 798/14, tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------